# 20 ta' Jannar, 1950

## Imħallef:

## L-Onor. Dr A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Wing Commander James Maxwell Watson, R.A.F. ne. (*)**

***versus***

**Leonardo Sacco et.**

## Azzjoni — Interess — Rekwiżiti — Millantazzjoni — "Emergency Compensation Board".

*L-azzjoni tippreżumi d-dritt; u sabiex tkun eżerċitata hemm bżonn li min jeżerċitaha jkollu l-interess, li huwa l-miżura ta' kwalunkwe azzjoni; u dan l-interess irid ikun dirett, leġittimu, u attwali.*

*Jekk il-proprjetarju ta' fond rekwiżizzjonat jirrikorri quddiem l-Emergency Compensation Board biex jottjeni kumpens għall-ħsara li ssirlu fil-fond rekwiżizzjonat, u l-awtorità rekwiżizzjonanti tippretendi li ma hix responsabili għal dawk id-danni, u l-Emergency Compensation Board jissospendi l-proċediment li sar quddiemu sakemm il-kwistjoni tar-responsabilità tiġi deċiża mill-Qorti kompetenti, dik l-awtorità għandha interess dirett, leġittimu, u attwali li taġixxi biex tottjeni d-dikjarazzjoni mill-qorti kompetenti li hija mhix responsabili għal dawk id-danni.*

*Dik l-awtorità rekwiżizzjonanti mhix obbligata li, minflok taġixxi għall-otteniment ta' dik id-dikjarazzjoni, tipproċedi kontra l-proprieta-*

*ġie rekwiżizzjonat bil-proċediment tal-pattenza; għaliex meta huwa oġġezza quddiem l-imsemmi Board ma għamelx sempliċi millantazzjoni ta' dritt, imma eżerċita effettivament l-azzjoni biex jiddeduċi d-dritt minnu pretiż. Imma anki kieku kellu jiġi ritenut li dik l-azzjoni tiegħu kienet sempliċi millantazzjoni, ma hux eskluż mill-ġurisprudenza li wieħed jitlob dikjarazzjoni ta' l-ineżistenza tad-dritt b'azzjoni kontra l-pretensjoni ta' ħadd ieħor li tkun tinvolvi dritt a dannu tiegħu, jew li tkun tinvolvi l-eżistenza ta' rapporti ġuridiċi obligatorji għall-oġġett u persuna.*

**Il-Qorti** — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine talab li, wara li tiġi magħmula kull dikjarazzjoni meħtiega u meħad kull provvediment li jmiss, peress li l-konvenut Sacco huwa l-proprjetarju tad-dar bil-ġnien Ħal Kirkop, St. Leonard Street, numru 54 F. u 54G.; u peress li f'Marzu tas-sena 1943 l-imsemmija dar, li kienet allura ġiet imġarrfa bil-ħidma tal-għadu, ġiet okkupata mill-R.A.F. taħt id-dispożizzjonijiet tal-Malta Defence Regulations 1939 u ġiet imwaqqa' bħala "flying obstacle", miżura li ġiet meħuda għan-neċessità tal-gwerra taħt l-awtorità kompetenti biex ma tinxteridx jew biex titnaqqas il-ħsara tal-gwerra; u peress li l-imsemmi fond ġie rilaxxjat lill-konvenut Sacco mingħajr l-ebda restrizzjoni li jerġa' jinbena l-fond; jiġi dikjarat u deċiż li l-ħsara fuq imsemmija, konsistenti fid-demolizzjoni tal-fond fuq imsemmi li kien "flying obstacle", hija "war damage" għall-finijiet kollha tal-War Damage Ordinance, u kwindi li l-attur nomine ma għandu l-ebda obligu li jerġa' jtella' l-fond fuq imsemmi fl-istat li kien meta hu okkupah biex jiddemolieh. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li jibqgħu mħarrkin għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Mallia bħala Agent Segretarju tal-War Damage Commission, li biha qal illi l-attur ma għandux interess ġuridiku li jagħmel din il-kawża, il-għaliex skond l-istess ċitazzjoni huwa lanqas qiegħed jippretendi li għandu dritt, imma qiegħed jallega illi l-kreditu eventwali tal-konvenut l-ieħor Sacco huwa kontra l-espo-

---

(*) Ara sentenza fuq il-meritu mogħtija f'din il-kawża minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 1950, li ġiet appellata u deċiża fl-Appell fit-12 ta' Marzu 1951 (pubblikata fl-Ewwel Parti tal-Volum XXXV).

nent nomine: l-aktar li jista' jinghad huwa li c-ċ tazzjoni tammonta ghal dikjarazzjoni fis-sens illi l-attur ma huwiex responsabili ta' dak il-kreditu; imma *dina l-azzjoni ma hix ammessa* ħlief f'każijiet speċifikati, bħal ma hija l-azzjoni "negatoria servitutis", u f'ċertu sens l-azzjoni tal-jattanza; u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni proposta ma tistax tiġi sostnuta, billi, kif ġie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati, il-War Damage Commission hija korp li bis-saħħa tal-liġi għandu l-eżerċizzju ta' "a quasi judicial discretion", u l-azzjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu sindakati minn dawn il-Qrati ħlief fil-każi fejn jiġi pruvat illi l-Commission, biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, ma tkunx *imxiet skond ir-regoli tan-*"natural justice", u ħlief per mezz ta' appell fil-każi espressament speċifikati mill-liġi; f'dawn l-aħħar każi l-proċedura hija differenti minn dik adoperata mill-attur, fil-waqt li l-attur ma setax lanqas jieħu l-proċedura l-oħra, kemm il-għaliex il-Commission għadha ma ħadetx deċiżjoni fuq il-każ, kif ukoll il-għaliex, anki kieku kien hemm deċiżjoni, dana ma kienx ikun wieħed mill-każi fejn l-appell huwa ammess; u illi, dejjem subordinatament u mingħajr preġudizzju, it-twaqqigħ ta' bini, anki jekk dana jikkostitwixxi "a *flying obstacle*", *ma huwiex* "war damage" skond id-definizzjonijiet ta' dina l-frażi kontenuti fl-artikolu 2 (2) tal-War Damage Ordinance 1943 (Ordinanza III ta' l-1943); b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-fattijiet tal-kawża huma dawn li sejrin jiġu relatati. Il-konvenut Leonardo Sacco huwa u kien proprjetarju tal-postijiet nru. 54 F. u 54G. Saint Leonard Street, Każal Kirkop, li waqt *il-gwerra kienu ġew dannegġjati bil-gwerra. Wara dak* id-dannegġjament l-istess ġew demoliti mill-R.A.F., peress li kienu ta' tfixkil lill-ajruplani u peress li, milli jidher, il-postijiet jinsabu fil-qrib ta' l-aerodrome. Milli jidher, fit-23 ta' April 1948 is-Superintending Engineer, Air Ministry Directorate of Works, Malta, kien irrikorra quddiem l-Emergency Compensation Board sabiex *ssir* likwidazzjoni tal-kumpens għad-demolizzjoni tal-postijiet........... Fil-5 ta' Jannar 1949 (notifikat fis-7 ta' Jannar 1949) il-konvenut Leonardo Sacco applika quddiem l-Emergency *Compensation Board*, u *qal li huwa* nti-

tolat għal kumpens u għall-likwidazzjoni tiegħu........... Għal dana r-rikors, id-Directorate of Works Air Ministry rrisponda, kif intqal fuq, li huwa kien sejjer jirtira l-applikazzjoni tiegħu tat-23 ta' April 1948 fuq imsemmija, u li huwa kien jikkontesta r-rikors tal-konvenut Sacco, il-għaliex, bħala li l-postijiet ġew imġarrfa biex ma jkunux "a flying obstacle", id-dannu kaġunat lill-konvenut Sacco kien riżultat ta' azzjoni mebuda sabiex jiġi mfixkel l-għadu, li skond il-W.D. Ord. Section 2 (2) hija kunsidrata bħala "war damage" non ostanti li l-art kienet rekwiżizzjonata (sezzjoni 36), b'mod li l-Air Ministry ma kienx tenut iħallas għaliha; u talab li l-kwistjoni tiġi riferita lill-Qorti kompetenti; mentri s-segretarju tal-W.D.C. irrisponda għar-rikors tal-konvenut Sacco li l-War Damage Commission għad-deċiżjonijiet tagħha in kwantu jirrigwardaw kwistjonijiet ta' fattijiet mhix soġġetta għal ebda awtorità (barra milli fil-każijiet speċifikati)... ........ Fuq dawna l-kontestazzjonijiet l-Emergency Compensation Board, wara li sema' l-avukati talpartijiet, ordna s-sospensjoni tal-proċediment sakemm il-kwistjoni tar-responsabilità tad-danni in kwistjoni tiġi determinata mill-Qorti kompetenti. Minn dawna l-fattijiet tnisslet il-kawża odjerna, li biha l-Air Ministry Directorate of Works...........;

Illi wara li ġew esposti l-fattijiet kollha li taw lok għal din il-kawża, dina l-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Mallia nomine, u ċjoè jekk l-attur nomine kellux jew le l-kwalità ġuridika, kif tissejjaħ fiddottrina, li jagħmel il-kawża odjerna;

Illi l-attur tista' tgħid fih il-kwalità ġuridika biex jipproponi domanda ġudizzjarja, skond l-artikolu 121 tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15, jekk jonqsu wieħed minn dawn l-elementi li jikkostitwuha; u ċjoè (1) id-dritt li tiegħu jkun qiegħed jitlob ir-rikonjizzjoni, l-osservanza jew reintegrazzjoni, (2) id-disponibilità jew l-eżerċizzju liberu ta' dak id-dritt, (3) il-kapaċità li jkun jista' joqgħod fil-ġudizzju (ara Mancini-Pisanelli, Commento di Procedura Civile, Vol. II, paġ. 67, parag. LIX u ta' wara);

Illi milli jidher, ma hemmx fil-kwistjoni odjerna ħlief iddiffikultà fuq l-eżistenza ta' l-ewwel element fuq imsemmi;

Illi l-azzjoni tippresupponi d-dritt, u sabiex tkun eżerċitata hemm bżonn li min jeżerċitaha jkollu l-interess, li huwa

l-miżura ta' kwalunkwe azzjoni; u dana l-interess irid ikun dirett, leġittimu u attwali;

Illi, kif qal tajjeb il-konvenut Mallia nomine, il-liġi tagħna fuq dina l-materja, nebbi fl-appelli minn min għandu nteress (art. 234 tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15, Ediz. Riv.) u filkaż ta' l-intervenjenti in kawża "in statu et terminis" (art. 939 l-istess Kodiċi fuq ċitat) ma titkellem xejn; u l-Qrati u l-interpreti jridu, għall-finijiet interpretativi, jirrikorru għal-prinċipji ġenerali tad-dritt u għall-ġurisprudenza;

Illi l-interess jingħad li huwa dirett, meta jkun personali jew tal-persuna rappreżentata, u ċjoè meta jappartjeni lill-bniedem "proprio" jew minnu rappreżentat bħala privat, u mhux bħala ċittadin jew membru tas-soċjetà, barra mill-każijiet eċċezzjonali ta' l-azzjoni "popolari". Jingħad "leġittimu", meta huwa konformi għad-dritt ta' min ikun għamel il-kawża, u ma jridx jeċċedi jew joħroġ mill-miżura tad-drittijiet tal-persuna li tkun qiegħda taġixxi sabiex jidħol u jinvadi l-isfera tad-drittijiet ta' ħadd ieħor. Fl-aħħarnett, l-interess irid ikun, kif intqal fuq, "attwali", u ċjoè jrid ikun jeżisti fil-mument meta tiġi proposta l-azzjoni, ċjoè jrid jirrigwarda l-preżervazzjoni ta' dritt li jkun diġà jeżisti, anki jekk dak id-dritt ikun jiddependi minn xi kondizzjonijiet jew ikun jirrigwarda anki danni eventwali;

Tikkunsidra;

Illi l-fatt li l-konvenut Sacco irrikorra quddiem l-Emergency Compensation Board sabiex jottjeni kumpens mill-attur nomine, bl-intervent fil-proċediment tal-War Damage Commission, jifforma ċertament affermazzjoni ta' dritt mill-parti ta' dak il-konvenut fuq u kontra l-patrimonju ekonomiku ta' l-attur nomine, li mill-banda tiegħu għandu nteress dirett li jara li dak l-istess patrimonju ma jkunx hekk aggravat—dak li jikkostitwixxi l-oġġett tal-preżenti litiġju;

Illi lanqas jista' jingħad li l-interess li għandu l-attur nomine mhux leġittimu; il-għaliex għandu l-iskop limitat li jiddefendi l-patrimonju tiegħu, u kwindi huwa delimitat mid-dritt tal-proprjetà tiegħu, u bl-eżerċizzju ta' l-azzjoni odjerna huwa qiegħed jibqa' fil-miżura tad-drittijiet proprii, u mhux qiegħed jinvadi d-drittijiet ta' ħadd ieħor. Fi kliem ieħor huwa, bl-azzjoni odjerna, qiegħed jipprova jevita dannu ġuridiku li

jkollu jsofri jekk qatt jiġi deċiż li l-kumpens mitlub mill-konvenut Sacco huwa dovut minnu;

Illi dwar l-attwalità ta' l-interess, jingħad li d-dritt li jrid jipprezerva l-attur nomine diġà jeżisti fih, u huwa jrid jevita dannu eventwali dwaru. Infatti bit-talba tal-konvenut Sacco, ammessa mill-liġi quddiem il-Board imsemmi, u ċjoè bil-proċedura "ad hoc" għall-otteniment tal-kumpens imsemmi, huwa jinsab konfrontat bil-minaċċja ta' dannu eventwali, u dik il-minaċċja tikkostitwixxi ċertament turbativa attwali (ara Dalloz, Repertorio, vuċi "Action", Vol. III, pag. 47, para. 218) fil-paċifiku possess ta' l-attur dwar il-patrimonju tiegħu. Lanqas jista' jingħad, fuq il-kwistjoni preżenti, illi s-sentenza fuq it-talba proposta (bla preġudizzju tat-tieni eċċezzjoni ta' indoli u karattru divers minn dik preżenti) sejra ma jkollhiex il-forza ta' titolu eżekutiv u li sejra tibqa' fl-isfera ta' pronunċjament akkademiku; il-għaliex l-akkoljiment tagħha jinnewtralizza l-proċediment speċjali quddiem il-Board imsemmi, jew, fil-każ li tiġi miċħuda, jikkonferma dak l-proċediment; u fil-każ ta' regolamenti parzjali tkun impliċitament tiddelimita r-rispettiva responsabilità ta' l-enti ritenuti responsabili għal dak il-kumpens;

Illi ntqal li l-attur nomine seta' aġixxa kontra Sacco bl-azzjoni ta' jattanza kontemplata fl-art. 404 u ta' wara tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu dak li talab il-konvenut Sacco ġie kwalifikat bħala biss sempliċi pretensjoni u millantazzjoni ta' dritt; imma, apparti li dak li qiegħed jippretendi l-konvenut Sacco ma jistax legalment jissejjaħ biss millantazzjoni, inkwantokkè ġie dedott bil-proċedura speċjali "ad hoc" dettata mill-liġi speċjali "de quo", u għal tali proċedura mhux applikabili l-proċediment kontemplat fl-art. 404 tal-Proċedura Ċivili fuq ċitat (ara Prim'Awla Ċivili 16 ta' Jannar 1864, in re "Gay vs. Farrugia Gay", Kollez. Vol. III, pag. 24, colonna 2da. in fine, u pag. 15, colonna 1ma, in primis), huwa fatt li ma jistax jiġi kontrastat li fi kwalunkwe kodiċi "di rito" mhux biss il-ġudizzju ta' jattanza, imma anki ġudizzji oħra, jistgħu jkollhom in-natura u karattru preventiv. Infatti skond il-prattiċi, jekk huwa veru li kull ġudizzju ta' jattanza huwa ġudizzju preventiv, mill-banda l-oħra mhux kull ġudizzju preventiv għandu neċessarjament ikun ta' jattanza; u

kien għalhekk li ġiet rikonoxxuta *n-neċessità* u l-ġustizzja ta' ċerti speċijiet ta' ġudizzji preventivi, bħal ma hija "*per eccellenza*" l-"actio damni infecti" tar-Rumani, u ħafna mill-azzjonijiet inibitorji permessi mill-liġi;

Illi għall-grazzja ta' l-argument jingħad li anki kieku r-rikors tal-konvenut Sacco *quddiem* l-Emergency Compensation Board kellu jiġi kkunsidrat bħala *millantazzjoni*, l-*azzjoni* odjerna, li ndubbjament hija azzjoni preventiva, mhix irritwali jew insostenibili, u lanqas inkonċiljabili ma' l-azzjoni tal-jattanza f'dawk il-kodiċijiet fejn teżisti, bħal ma teżisti fil-kodiċi tagħna; *il-għaliex skond* il-ġurisprudenza mhux esklużi li persuna tista' *titlob dikjarazzjoni* ta' l-*ineżistenza* ta l-dritt b'azzjoni kontra l-pretensjoni ta' ħadd ieħor li tkun tinvolvi dritt a dannu tiegħu, jew li tkun tinvolvi l-eżistenza ta' *rapport* ġuridiku obligatorju għall-oggett u persuni (ara Vol. XXVIII, P. III, pag. 958, Kummerċ 6 ta' Ġunju 1932, in re "Muscat vs. Vella");

Illi kwindi l-eċċezzjoni tal-konvenut Mallia nomine mhix, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, legalment *meritevoli* li tiġi milqugħa;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Mallia nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tqiegħed il-**kawża għall-kontinwazzjoni** għas-seduta tas-6 ta' Frar 1950 kwantevolte ma jkunx ġie magħmul appell kontra l-preżenti deċiżjoni, jew għal ġurnata oħra li tiġi fissata aktar tard fil-każ ta' din l-aħħar eventwalità.